MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 106/2006

**A B mart C D E assenti minn Malta**
**vs**
**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tas-6 ta' April 2006 gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil C D E assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettit u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Misterbianco, Sqallija, l-Italja fit-2 ta' Ottubru 1997 u sussegwentement izzewgu bil-Knisja hawn Malta fit-3 ta' Mejju 1998 u rregistraw iz-zwieg taghhom iccelebrat gewwa Misterbianco fl-Italja skond l-annessi dokumenti CA1 u CA3;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhix aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici;

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu zewg ulied F ta' hames snin u G ta' tlett snin;

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din il-kawza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Marzu 2006, Dok. CA2 wara li saret il-medjazzjoni opportuna;

5. Illi f'dawn l-ahhar snin l-attrici intebhet illi zewgha kien qed jassenti ruhu mid-dar konjugali billi jghid li kellu jsiefer fuq xoghol f'diversi partijiet tal-Italja;

6. Illi f'okkazzjoni minnhom l-attrici sabet gewwa l-wallet tieghu jew fil-bwiet ta' hwejgu dokument bankarju li fih kien hemm indikat li zewgha kellu 'joint account' ma' mara ohra certa Valentina Pandetta; sabet ukoll riservazzjoni tal-biljetti tal-arju u ta' kamra doppja fil-lukanda "Montevecchio" f'Torino, l-Italja intestata din ir-riservazzjoni f'isem zewgha u l-istess mara imsemmija 'l fuq kif ukoll sabet 'tags' tal-bagalji tas-safar intestati f'isem l-istess mara u meta affaccjat lil zewgha b'dawn id-dokumenti, zewgha ma ta l-ebda raguni ta' kif dawn id-dokumenti b'isem Valentina Pandetta kienu f'idejh u talabha biss li tinsa l-passat u jergghu jibdew hajja gdid;

7. Ghalkemm l-attrici tul dawn l-ahhar sentejn iffacjat lil zewgha regolarment b'dawn il-provi u talbitu jaghtija spjegazzjoni biex forsi ssir rikonciljazzjoni, dan baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni u kull darba li ssemma dan is-suggett, zewgha dejjem harab milli jaghti risposta u jbiddel is-suggett;

8. Illi f'dawn l-ahhar gimghat l-attrici, minhabba l-inkwiet fuq ir-relazzjoni hazina fiz-zwieg taghha mal-konvenut iddecidiet flimkien ma' zewgha illi hija tirritorna Malta ma' uliedha u kien l-istess zewgha li qata' l-biljetti tal-ajru ghaliha u ghal uliedha u wassalhom sal-ajruport;

9. Illi sussegwentement u meta kienet Malta ma' uliedha l-konvenut gie Malta u ghalkemm l-attrici regghet ghamlet sforz sabiex issir ir-rikonciljazzjoni billi zewgha jispjegalha ghaliex kellu dik l-assocjazzjoni mill-aktar intima ma' din il-mara, dan kull ma ghamel kien li infexx jibki minghajr ma ta l-ebda spjegazzjoni hlief li rega' qalilha biex tinsa l-passat u jibdew hajja gdida u wara ftit granet rega' rritorna l-Italja;

10. Illi in vista ta' dana kollu, l-attrici ma setghetx hlief li tikkonkludi li zewgha kellu relazzjoni adultera ma' din il-mara ghal diversi snin u hi ma kellhiex triq ohra hlief li tinizja dawn il-proceduri;

In vista tal-premess, jghid l-istess konvenut ghar-ragunijiet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. XVI) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien that tal-firda;

2. Tafda l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri tal-kontendenti u cioe F u G f'idejn l-attrici filwaqt li takkorda lill-missier dritt ta' access ghall-istess fid-dati u hinijiet minnha stabbiliti u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u moghtija dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa partikolarment minhabba l-fatt illi l-konvenut jghix gewwa l-Italja u huwa ufficjal tal-Carabinieri u minhabba f'hekk l-attrici ghandha biza' fondat illi uliedha minuri jistghu jigu sekwestrati minn zewgha u mehuda l-Italja f'liema eventwalita' l-attrici tigi mqeghdha f'posizzjoni difficli biex titlob ir-ritorn taghhom hawn Malta. Illi ghaldaqstant l-attrici qieghda titlob illi kull dritt ta' access li talvolta jista' jinghata lill-konvenut jigi ezercitat unikament f'Malta sabiex ma jkunx hemm il-biza' illi l-konvenut jonqos milli jirritorna lil minuri f'kaz li jinghata l-fakolta' li johroghom barra minn dan il-pajjiz;

3. Tiffissa manteniment xieraq kemm ghall-attrici li m'ghandhiex impieg, kif ukoll ghaz-zewg uliedha minuri fuq imsemmija skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, u konsegwentement tikkundannah ihallas l-istess manteniment lill-attrici, liema manteniment ikun pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti, jew hekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lil martu l-attrici ghaliha u ghal uliedha, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globabli li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-konvenut u konsegwentement tordna mill-attur ihallas il-manteniment hekk iffissat lill-attrici;

4. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut flimkien ma' uliedha minuri;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap. XVI;

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti, mobbli u mmobbli, formanti l-komunjoni tal-akkwisti, jigu maqsuma f'zewg prozjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti, in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u ohra lill-konvenut billi, okkorrendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi l-pjan tal-qasma, Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci tal-konvenut fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. In vista tal-fatt illi d-dar konjugali tinsab gewwa Sqallija fl-Italja u l-istess attrici ma tridx izjed tirrisjedi ma' uliedha fid-dar konjugali, minflok tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici, tordna lill-konvenut ihallas dik is-somma rapprezentanti kera li tkun dovuta ghall-okkupazzjoni ta' dar tar-residenza ghall-attrici u wliedha gewwa Malta u li tkun residenza adegwata ghalihom dejjem skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u wliedha u cioe' ta' livell simili ghal dak tad-dar konjugali ta' Sqallija, liema somma ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici skond kif jigi miftiehem il-mod tal-pagament ghall-istess kirja kollox skond dawk il-kundizzjonijiet u moghtija dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa fil-kaz in ezami;

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha kuraturi deputati eccepew:

1. Illi b'digriet tas-6 ta' April 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E;

2. Illi huma kkomunikaw ma' l-imsemmija persuna rapprezentata minnhom, li trid tikkontesta din il-kawza sia fuq il-fatti kif ukoll fuq id-dritt ;

3. Illi l-konvenut m'huwiex hati tal-firda, anzi kienet l-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali u hadet lit-tfal maghha ;

4. Illi huwa m'ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment ghal martu, izda jaqbel li ghandu jmantni lil uliedu kif fil-fatt qed jaghmel sakemm dawn ma jkunux mieghu, u l-mara ghandha thallas manteniment ghalihom

kemm-il darba dawn jergghu jibdew jghixu ma' missierhom ;

5. Illi madankollu uliedhom minuri F u G ghandhom jitqieghdu fil-kura u kustodja tal-missier, b'dan li dawn ghandhom jigu ritornati lejn id-dar matrimonjali f'Catania, Sqallija ;

6. Illi ma tezisti ebda komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, stante li huma zzewgu l-Italja u mill-ewwel stabbilew id-dar matrimonjali taghhom fl-Italja.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tfal minuri tal-partijiet, tramite l-Avukat tat-Tfal;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-assenti C D E ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-assenti jsostni li huwa mhuwiex hati tal-firda, u kienet l-attrici li abbandunat id-dar konjugali u hadet it-tfal maghha.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizultaw inkontestati s-segwenti fatti.

Il-partijiet izzewgu fit-2 ta' Ottubru 1997 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, F u G, li llum ghandhom rispettivament seba' u hames snin, circa.

Iz-zwieg il-partijiet marru jirrisjedu Catania, izda peress li l-assenti huwa membru tal-Carabinieri, huwa ta' spiss kien ikun 'il boghod mid-dar ghal certu tul taz-zmien; u

nonostante il-fatt li l-attrici kienet tinsisti mieghu sabiex jikru appartament fejn ikun stazzjonat sabiex hi u t-tfal ikunu vicini tieghu, dana kien jgib diversi skuzi. B’ hekk l-attrici, flimkien mat-tfal, kienu jaghmlu perijodi twal wahedhom fid-dar konjugali.

Illi wara circa ebra’ snin ta’ zwieg, l-attrici bdiet tinnota certu bruda da parti ta’ zewgha fil-konfront taghha, u tfarfir tar-responsabbilita’ anke fejn jidhlu t-tfal. Okkazzjoni minnhom kienet sabet messaggi fuq ic-cellulari ta’ zewgha u ittra li kienu qajmu suspett fondat ta’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara identifikata minnha b’isimha, da parti ta’ zewgha li minn naha tieghu ma kien offra ebda raguni plawsibbli. L-attrici pero’ b’ tentattiv sabiex tipprova ssalva z-zwieg kienet ippreparata li tinsa’ dan l-incident; izda sussegwentement, wara li kien ghadda certu zmien, hija kienet sabet dokument li kien juri li zewgha kellu kont bankarju kongunt ma’ l-istess persuna, li fih kien jitfa’ l-flus li kien idahhal mill-overtime li kien jaghmel u li lill-attrici kien qallha li ma kienx ghadu thallas.

Illi eventwalment l-attrici, bil-kunsens ta’ zewgha kienet nizlet Malta bit-tfal, sabiex tirrisjedi mal-genituri taghha, bl-intiza ma’ zewgha li dana wkoll jinzel Malta sabiex jipprovaw jasslu ghal separazzjoni bonarja. Jidher li saru tentattivi ghal dan il-ghan izda sfortunatament is-separazzjoni konsenswali ma sehhitx u l-konvenut assenti rritorna l-Italja u baqa’ hemm.

*Ikkunsidrat ulterjorment*

Illi mill-kwadru premess tirrizulta sodisfacentement fondata l-allegazzjoni attrici li zewgha kellu relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra fit-termini ta’ l-artikolu 38 tal-Kap. precitat; u ghalhekk, it-talba taghha ghas-separazzjoni pesonali bi htija ta’ zewgha hija fondata u timmerita li tigi milqugha. Inoltre, jigi osservat li l-komportament abusiv da parti ta’ zewgha jimporta tassattivament l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta’ artikolu 48, ta’ l-istess kap.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li huwa fl-interess tat-tfal minuri taghhom li dawna, anke tenut kont tax-xewqa taghhom, jibqghu jirrisjedu ma' ommhom li ilha tiehu hsiebhom minn mindu twieldu; bid-dritt ta' access, konkordat ma' martu, favur il-missier, bl-awtorizzazzjoni ta' l-attrici li tkun prezenti tul l-access tal-missier.

**Manteniment**
Illi jidher li ma hemmx problemi f' dan ir-rigward, u l-attrici tghid li hi bil-kunsens ta' zewgha tirtira kull xahar, minn kont bankarju fuq isem il-konvenut, is-somma ta' €582.34 [LM250] bhala manteniment ghaliha u ghaz-zewg minuri. L-attrici tghid li fil-prezent ma tahdimx, u qieghda tfittex impjeg sabiex tkun tista' tghin ruhha.  Hija tghid li l-introjtu mensili ta' zewgha jlahhaq is-somma ta' €1,800.

Ferm il-premess, il-Qorti tikkunsidera li f'dan l-istadju s-somma ta' €582.34 [LM250] hija manteniment mensili xieraq: in kwantu ghal €232.94 [LM100] manteniment ghaliha, u r-rimanenti €582.34 [LM250] bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom sakemm dawn jibqghu minuri.  In oltre l-ispejjez ta' l-edukazzjoni ghandhom ikunu a kura tal-konvenut.

**Proprjeta' Parafernali**
Illi mill-prospett jirrizulta <u>nkontestat</u> li l-attrici kienet harget mill-flus parafernali taghha s-somma ta' €5,575 sabiex inxtrat il-kamra tas-sodda matrimonjali, €4,460 sabiex inxtraw il-mobbli tal-living room u oggetti orha tad-dar; u li l-genituri taghha ghaddewla is-somma ta' €9,000 li minn naha taghha uzata sabiex thallas parti mill-prezz tad-dar parafernali tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma komplessiva ta' **€19,035.**  Jigi osservat li l-imsemmija oggetti, u d-dar qeghdin gewwa l-Italja fil-pussess tal-konvenut, flimkien mal-vettura Lancia Deidra.

**Appartament 361 Via Roma, Misterbianco, Sqallija, b' gararage**

Illi jirrizulta mhux kontraddett li qabel iz-zwieg zewgha kien xtara dan il-fond li fuqu kienet ittiehdet loan li kienet baqghet tithallas waqt iz-zwieg bir-rati mensili ammontanti ghal €5,592 fis-sena; u l-attrici tghid li akont tal-loan thallset is-somma komplessiva ta’ €53,520.

Hija tghid li meta kienu Malta, huwa kien informaha li kien sab il-bejgh ta’ l-imsemmi appartament; u konsegwenzjalment kienu lahqu ftehim li, filwaqt li l-konvenut izomm il-garage ghalih, huwa jikkonsenja lill-attrici is-somma ta’ €100,000 u dan sabiex din tkun fil-pozizzjoni li tixtri appartament zghir f’ Malta fejn tkun tista’ tabita ma’ uliedhom.

Illi, ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita’ shiha li jikkontesta l-premess sostnut mill-attrici, huwa naqas li jaghmel dan.[1] Ghalhekk il-Qorti ser tikkunsidera bhala veritiera dak allegat mill-attrici, anke dwar l-aspett patrimonjali tal-kawza; u tikkonferma li l-konvenut assenti ghandu jghati lill-attrici s-somma ta’ **€100,000** biex bihom tixtri appartament fejn toqghod flimkien ma’ ulied il-partijiet, kif pattwit bejniethom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut assenti, fit-termini ta’ l-artikolu precitat;

[2] tilqa’ it-tieni talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;

[3] tilqa’ it-tielet talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[4] tilqa’ l-hames talba u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu hemm indikat;

[5] tiddisponi dwar is-sitt u t-tmien talba billi, kif fuq stabbilit, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ mitt elf ewro [€100,000], ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-proprjeta’ akkwistata matul iz-zwieg;

[5] tilqa’ is-seba’ talba u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ dsatax il-elf, u hamsa u tletin ewro

[1] Vide.verbal ta’ l-udjenza tat-8 ta’ April 2008 - fol.54

[€19,035] rapprezentanti flus u valur ta’ oggetti parafernali ta’ l-attrici;
[6] tilqa’ id-disa’ talba;

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithalls mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------